# B'Impenn inkomplu l-ħidma

*Minn Dominic Grima - Sindku Paola*

Ir-residenti ta' Paola u dawk kollha li għandhom għal qalbhom dan ir-raħal fl-aħħar 4 snin raw Kunsill Lokali maqgħud b'membri li lkoll kellhom għan wieħed dak li jkomplu jtejjbu l-kwalita' ta' għixien tal-Pawlisti. Din is-serenita' fil-Kunsill Lokali kienet riflessa fl-ammont ta' xogħol li sar f'dan ir-raħal, liema ħidma kienet waħda kontinwa u li b'sodisfazzjon ngħid li ħalliet u għada trid tħalli l-frott mixtieq. Il-Kunsill Lokali Paola filwaqt li assigura li jkomplu jkun ta' servizz għar-residenti fil-bzonnijiet tagħhom ta' kuljum, daħal ukoll għal proġetti impenjattivi nkluz f'livell ewropew u internazzjonali. It-triq ma kienetx faċli, imma bil-għaqal il-Kunsill Lokali ħadem biex jissaħħu l-finanzi biex illum nistgħu ngħidu li għandna finanzi li huma sostenibli.

**Ħidma ta' Kuljum**

It-tindif ġenerali, l-ġbir ta' skart domestiku, l-operat tal-latrini pubbliċi, il-ġonna, s-soft areas kif ukoll d-dawl u s-sinjali ta' traffiku kienu f'idejn il-Kunsillier Nicholas Seychell. F'dan il-qasam il-ħidma kienet waħda kontinwa fejn komplew ikunu offruti s-servizzi tal-iskart anke bi ftehim ma' kumpaniji tar-riċiklagg u dan anke biex ikunu ndirizzati l-ilmenti li daħlu mir-residenti. Kompliet ukoll il-ħidma li kienet fdata f'idejn il-Viċi Sindku Alfred Borg f'dak li għandu x'jaqsam ma' ġbir ta' skart goff u anke fil-qasam tal-persuni b'dizabilita'.

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali se tkompli tħalli l-frott tagħha anke fi zmien li ġej. Dan grazzi għall-iskema tal- ***housing*** fejn il-Kunsill Lokali se jkun qed jingħata €50,000 fis-sena biex jitnefqu fuq tisbiħ u rranġar ta' flats u binjiet tal-gvern. Fil-qasam tal-iskart sar ukoll ftehim ġdid mal-kumpanija ***greenpak*** li se jwassal biex kull nhar ta' Tlieta jinġabar l-iskart riciklatt mid-djar u anke mit-tnejn sal-Ġimgħa mill-ħwienet fir-Raħal tagħna.

Ħdimna wkoll biex niddefendu d-drittijiet tagħkom ir-residenti. Wara sensiela sħiħa ta' ilmenti li rċievejna dwar l-inkonvenjent li joħolqu l-karozzi tal-linja tal-ARRIVA kkumissjonajna studju li minnu rrizulta li l-livell ta' storbju li qed joħolqu dawn il-vetturi jaqbex il-limiti stabiliti. Għalhekk ħadna l-kaz il-qorti u se nkomplu naħdmu biex id-drittijiet tagħkom ikunu mħarsa f'kull livell.

**Proġetti**

Il-ħidma tal-Kunsill Lokali Paola kienet ukoll riflessa f'numru sostanzjali ta' proġetti li l-Kunsill daħal għalihom fl-aħħar 4 snin. Sar tisbieħ tar-roundabouts, xogħol fuq waħda mil-latrini pubbliċi biex tkun aċċessibli anke għal persuni b'dizabilita' u xogħol estensiv fuq Triq l-Arkata. Il-Kunsill Lokali daħal ukoll fl-iskema ffinzjata mill-gvern ċentrali u mill-Kunsilli Lokali magħrufa bħala ***Private Public Partnership.*** Bis-saħħa ta' din l-iskema għandhom jinbnew mill-ġdid numru ta' toroq li jeħtiegu jinbnew mill-ġdid. Tkompla x-xoghol fuq Ġnien Pawlu Boffa fejn saret il-manutenzjoni meħtiega tal-funtana u kienu wkoll inawgurati fl-okkazzjoni ta' Jum Paola l-bandli l-ġodda, moderni u ta' kwalita' għolja skont standards Ewropej li jistgħu gawduta wkoll minn tfal b'dizabilita'. Sadanitant qed isir ukoll ħidma mal-awtoritajiet ċentrali biex il-ground Pace Grasso jsir parkeġġ u dan bil-għan li nibdew nindirizzaw il-problema ta' nuqqas ta' parkegg fl-inħawi tal-pjazza. Ħdimna wkoll mal-gvern ċentrali fuq numru ta' proġetti oħra fosthom il-pjazza f'Santa Ubaldeska li saret kompletament mill-ġdid, Triq Tramuntana fejn kienet ippavimentata, saru wkoll iktar minn 20 triq li nbnew mill-ġdid fosthom Valletta Road u anke f'parti mill-pjazza, saru wkoll numru sostanzjali ta' bankini ġodda. Sadanitant quddiem il-MEPA hemm it-talbiet biex jinħarġu l-permessi neċessarji biex jibda x-xogħol fuq il-proġett tal-pjazza l-ġdida, liema proġett ipparteċipajtu fih inthom ir-residenti meta kontu mistiedna tagħzlu mill-pjanti proposti.

Minn Jannar li ġej f'din il-lokalita' se jinfetaħ suq tal-prodotti agrikoli Maltin fil-parkeġġ ta' ħdejn iċ-ċimiterju tal-Addolorata. Dan grazzi għal ħidma mwettqa mill-Kunsill Lokali u l-ministeru tal-ambjent.

**Ħidma Internazzjonali u Edukazzjoni**

Is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropea waslet biex il-ħidma tal-Kunsilli Lokali tkun estiza wkoll fuq livell internazzjonali. Il-Kunsillier Renald Dalli fl-aħħar snin mhux biss kien responsabli minn negozji, s-servizzi u l-utilitajiet, il-gemellaggi u l-edukazzjoni imma wkoll mir-relazzjonijiet mal-Unjoni Ewropea.

Fl-2010 issuktat il-ħidma fil-proġett ***Repair URBACT***. Fejn jidħol pjan ta'azzjoni il-Kunsill kien magħzul bħala l-proġett pilota tal-Ewropa fejn dan għandu jservi għal 11 -il kunsill mill-Ewropa u membri fir-***Repair Project***. Il-Pjan ta' Azzjoni REPAIR li jippromwovi riġinerazzjoni sostenibbli ġie iffinanzjat mill-fondi ta' l-UE li jagħmel parti

mill-Programm URBACT. Il-Kunsill Lokali kien qed jaħdem fl-izvillupp ta' dan l-abbozz mal-AS Hibernians u kif ukoll ma diversi entitajiet li jagħmlu parti mill-***Local Support Group***. Il-Plan ta' Azzjoni li qed jigi mfassal ukoll bl-ghajnuna ta' Periti, Planners u Heritage Consultants u qed tiġi kkompilata mill-konsulenza ***Heritage Enterprise***. Dan l-abbozz bħal oħrajn li qed jaħdmu fuqhom bliet oħra fosthom Medway, Karlskrona, Rostock, Utrecht, Charantes-Maritim, Kaunas, Firenze, Avrig, Opava u Thessaloniki qed jindirizza diversi pilastri ta' importanza strategika u ta' zvilupp sostenibbli fosthom; l-Energija u l-Iskart, l-Konservazzjoni, x-Xogħol u t-Trasport.

Il-Kunsill Lokali ta' Paola kif ppanat fl-Action Plan fl-ahhar xahar kellu risposta pozittiva fuq tliet progetti ffinanzati mill-Unjoni Ewropea.

L-ewwel progett li jiswa 'l fuq minn 200,000 Euro jhares lejn fondi mill-ESF (Fond Specjali) fejn qed tithejja ricerka fuq progetti u korsijiet sabiex dawk li ghandhom bzonn li jintegraw fis-socjeta' jaghmlu dan billi jkollhom possibilita' b'korsijiet specjali li jhejjuhom ghall-industrija u l-qasam tax-xoghol lokali. Dan il-progett qed isir bi shab mal-Ministeru tal-Gustizzja, l-Universitajiet ta' Malta u ta' Bremen fil-Germanja u l-Municipalita' ta' Paola l-Italja. Dan il-progett gie propost u ttella' bl-ghajnuna tal-MEUSAC, l-agenzija tal-Gvern li tippromwovi l-fondi UE ghall-Kunsilli. Bhalissa qed jinhargu tenders biex tithejja l-ewwel fazi tal-progett.

Iz-zewg progetti l-ohra mhejjija internament mill-Kunsill u l-konsulenza thares lejn ir-restawr tal-fortifikazzjoni ta' Kordin u l-progett KONNEKT li ser jghaqqad il-Pjazza ta' Rahal Gdid ma' Kordin. Dan il-progett mhejji bi shab mal-New Dutch Waerline ser ihares ukoll lejn korsijiet ta' restawr (cantiere-scuola) sabiex jigu restawrati l-partijiet kritici tal-fortifikazzjoni ta' Kordin. Il-progett l-iehor qed ihares lejn il-possibilita' li jigu rigenerati hafna mill-gonna ta' rahal Gdid bi shab ma' wahda mill-akbar assocjazzjonijiet tal-gonna fl-Ewropa li thares lejn is-sostennibilita' ta' dawn l-ispazji pubblici. Indikazzjonijiet tal-fondi ghadhom mhux konfermati.

Il-Pjan ta' Azzjoni msemmi ser jitqassam f'forma mqassra fid-djar f'Jannar li gej.

Bis-sahha ta' dan il-Pjan ta' Azzjoni saret applikazzjoni ghal fondi ERDF, li giet accettata, mill-A.S. Hibernians sabiex jigi ffinanzjat ir-restawr ta' parti mill-Habs Militari ta' Kordin b'budget ta' madwar 300,000 Euro.

Sadanitant f'dak li għandu x'jaqsam ma' ħidma internazzjonali l-kunsill Lokali kellu wkoll ġemellagg mall-kunsill lokali ta' Paola Kalabrija u stieden ukoll f'Malta delegazzjoni minn Calcinaia fl-Italja u minn Utrech fl-Olanda.

Issuktat ukoll il-hidma biex ikomplu jkunu offruti aktar opportunitajiet ta' edukazzjoni. Il-kunsill kompla jorganizza korsijiet ta` tagħlim tal-komputers flimkien mal-kumpanija TCTC. Minn meta il-librerija reġjonali waqgħet taħt ir-responsabilta' tal-kunsill saru talbiet lid-dipartiment biex il-kunsill jakkwista fondi speċjali biex tizdied il-lista ta' kotba offruti.

**Kultura u Attivitajiet**

Fl-aħħar 4 snin kienu organizzati diversi attivitajiet kulturali. Dan il-qasam fl-aħħar snin kien fdat f'idejn il-Kusnillier Bernard Lynch li ħadem ukoll fl-organizazzjoni ta' Jum Paola u f'dak li għanadu x'jaqsam mal-Korporazzjoni tax-xogħol u t-taħriġ.

Fl-okkazzjoni ta' l-ewwel ċentinarju tal-Parocca Kristu Re l-Kunsill Lokali ħa ħsieb jgħaqqad liz-zewġ baned prinċipali tal-paroċċa Kristu Re biex għall-ewwel darba fl-istorju jdoqqu flimkien f'kunċert wieħed fl-okkazzjoni tal-100 sena parroċċa. F'Jum Paola l-kunsill lokali bħal ma jagħmel kull sena ta' r-rikonoxximent ta' ġieh Paola u bl-għajnuna ta' diversi għaqdiet mill-lokal minn sena għall-oħra komplew jizdiedu l-attivitajiet kulturali.

Il-kunsill organizza Milied f'Casal Paola u l-attivita' Notte a'Casal Paola. Saru wkoll diversi ħargiet għar-residenti lejn il-gzira ta' Għawdex, BBQs u attivitajiet oħra fosthom ir-riċevimenti għat-tfal u għall-anzjani li jsiru kull sena fi zmien il-Milied.

Ħafna minn dawn l-attivijiet kien wkoll vetrina tal-patrimonju u x-xogħol mwettaq mill-għaqdiet tal-lokal, zewġ oqsma li kienu f'idejn il-kunsillier Duncan Borġ Myatt li ħadem ukoll f'dak li għandu x'jaqsam tal-Awtorita' Transport Malta. Fl-istess waqt kienu wkoll okkazzjonijiet li nvolvew il-familji u l-isport fil-lokal, zewg oqsma li kienu f'idejn il-Kunsillier Mark Ferris.

Imma din il-ħidma ma' saritx biss grazzi għal ħidma tiegħi bħala sindku ta' dan ir-raħal jew ta' sħabi l-kunsilliera biss. Din il-ħidma kienet possibli grazzi għall-ħidma li saret mill-impjegati u l-ħaddiema kollha tal-kunsill Lokali, li lkoll huma dedikatissimi għal xogħolhom.

Mill-ġdid intenni l-apprezzament tiegħi lilkhom residenti Pawlisti tal-appoġġ li dejjem turu għal ħidma tal-Kunsill Lokali Poala.

Jien nemmen li jekk naħdmu iktar u niġbdu ħabel wieħed din il-ħidma tkompli biextitwettaq il-ħolma ta' kull resident li jkollna lokalita` li tixriq lill-Pawlisti.

Dominic Grima

Sindku Paola